**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo

**ASSENTI B'APOLOGIJA**
Daniel Ablett
Doris Zammit

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**10.1 TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**10.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

Ma kienx hemm ittra ta' apoloġija minħabba li il-membri kienu kollha preżenti.

**10.3 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Novembru 2024.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2024 u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Novembru 2024.

**10.4 Komunikazzjoni tas-Sindku**

**10.4.1 Online Meeting re Development Fund**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-Awtorità tal-Ippjanar rigward it-talba tal-Kunsill Lokali għall-ħlas ta' bankina li saru. Il-bord qed jitlob lill-kunsill sabiex isir awditjar intern biex jivverifika li il-fatturi preżentati lill-bord tħallsu skont kif kienu iċċertifikati mill-perit. Il-Kunsill ġie infurmat li il-bord preżentement jinsab mingħajr chairman u għaldaqstant irid jilħaq chairman ieħor biex il-bord jiltaqa.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq fatturi mhux ippreżentati lil GAL Xlokk. Huwa semma li kien hemm mismanagement kbir meta invoices fuq ħlasijiet li saru fis-sena 2020 u il-fatturi tagħhom ma nstabux, u min kien responsabbli irid jirrispondi.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qabel li il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jinfurmah li fis-sena 2020 il-kuntrattur Salvatore Cassarino tħallas mingħajr ma ippreżenta fattura għal tali ħlas.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** qablet li ninfurmaw lil GAL Xlokk li fir-rigward tal-fond tagħhom il-Kunsill ma għandux aktar fatturi x'jippreżenta.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li kemm il-darba irid isir internal audit jista jitqabbad is-Sur Daniel Galea bħala awditur intern. Il-membri kollha qablu ma din l-għażla.

**10.4.2 Double Yellow Line Triq San Bastjan**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li il-Kunsill qed ikollu diversi ilmenti fuq it-trakkijiet ipparkjati fejn mekanik fi Triq San Bastjan.

Saret diskussjoni bejn il-membri u kien hemm qbil li il-Kunsill japplika ma Transport Malta għal double yellow line min Triq l-20 ta' Jannar sa isfel (faċċata ta' Invicta)

**10.4.3 Tower Crane fi Triq Amleto Spiteri**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva talba sabiex jitpoġġa tower crane f'parking bay fi Triq Amleto Spiteri kantuniera ma Triq l-20 ta' Jannar. Liema tower crane se jintuża sabiex isir xogħol fuq binja li twaqqgħet fuq in-naħa l-oħra (side) tat-triq iżda fi Triq Amleto Spiteri. It-talba hija għal madwar 6 xhur.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi kemm il-darba il-Kunsill jaċċetta li isir tali tower crane fi triq oħra u billi diġà hemm boundary wall u it-trakkijiet se jipparkjaw quddiem il-binja, għandhom isiru double yellow lines mal-faċċata opposta tas-sit li qed isir l-iżvilupp.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li l-iżviluppatur jintalab jippreżenta Health & Safety report.

**10.4.4 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali – Sport Complex**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li wara li l-applikazzjonijiet kollha ġew evalwati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, ġejna infurmati li t-talba tagħna għall-fondi ġiet aċċettata u il-Kunsill Lokali Ħal Qormi se jibbenifika minn €29,750 sabiex isir tindir, xogħol ta' manutenzjoni ta' l-art tal-konkos u id-dwal fl-Isport Complex fi Triq Manwel Dimech.

**10.4.5 TM Permanent Sustainable Mobility Policy Initiative**

Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis infurmat lill-membri li Transport Malta aċċettaw il-proposta tal-Kunsill għal-fond ta' 10 t'elef.

**10.4.6 Kawża tal-Appell P.O.G u Petralux**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024, f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell intlaqa l-appell tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi, u ġiet varjata s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li oriġinarjament kienet iddeċidiet li l-Kunsill Lokali kellu jġorr 5% tar-responsabbiltà, u d-dikjarat li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ma huwa responsabbli għal ebda mid-danni sofferti u ċaħdet it-talbiet kollha fil-konfront tal-Kunsill.

Din il-kawża kienet tirrelata ma Danni Soffetti mill-Kumpaniji POG u Petralux waqt maltempata li kienet laqtet lil Malta bejn il-15 u s-17 ta' Settembru 2003.

**10.4.7 Talba ghal 16 il-toqba u bollard fi Triq San Bartolomew**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kellu talba mill-Għaqda Armar San Sebastjan sabiex waqt li qed isir il-proġett u bħala parti mill-istess proġett isiru 16 il-toqba oħra biex jipproteġu l-armar fiż-żmien tal-Festa.

Il-prezz ta' dawn il-bollards bit-twaħħil huwa ta' €300 il-waħda exc VAT. L-Għaqda Armar offriet li matul is-sena dawn jinżammu fil-maħżen tagħhom jekk il-Kunsill jaċċetta.

Il-Membri qablu li jinxtraw u jittaqbu dawn id-decorative bollards.

**10.4.8 Oġġezzjoni re PA-07217-24 – Lukanda fi Triq Dun Rene Cilia**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li saret il-laqgħa mar-residenti ta' Fuq tal-Blat nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2024, il-Kunsill daħħal oġġezzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku nforma li illum 3 ta' Diċembru 2024, l-iżviluppatur u il-perit tal-lukanda ġew jiddiskutu mal-Kunsill biex jaraw jistax ikun hemm xi qbil fuq dan l-iżvilupp. Is-Sindku nforma li il-kunsill ma ikkommettiex ruħu.

## 10.4.9 PA/07787/24 – Żvilupp fi Triq il-Kummerċ

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li il-Kunsill rċieva komunikat minn residenti fi Triq il-Kummerċ u wara li ġie ivverifikat li parti mill-binja u cioe il-parti tal-pool u landscaping fil-permess ta' żvilupp PA/07787/24 qeda fiż-żona ODZ qed jipproponi li il-Kunsill joġġezzjona sabiex ma jsirx żvilupp fil-parti tas-sit propost li qeda fiż-żona ODZ.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li il-kunsill joġġezzjona għal parti tas-sit li qeda fiz-zona ODZ.

## 10.4.10 Recycling Points

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva komunikat mingħand is-Sur Joe Attard minn Green MT sabiex il-Kunsill japprova siti oħra biex isiru ir-recycling points. Liema recycling Points bħalissa huma tlieta f'Hal Qormi. Is-Sur Attard informa li il-Kunsill huwa obbligat li ikollu recycling point għal kull elfejn (2000) resident.

Il-membri qablu li issir recycling point fi Triq Cikku Degiorgio.

## 10.4.11 Tender Knis

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-ewwel sena tal-kuntratt għat-tindif tat-toroq f'Ħal Qormi tagħlaq fil-31 ta' Jannar 2025 u għaldaqstant qed jiġi maqbul li dan il-kuntratt ma jiġix imġedded.

## 10.4.12 Tender Non Urban

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-ewwel sena tal-kuntratt għat-tindif tat-toroq mhux urbana – Non Urban f'Ħal Qormi tagħlaq fil-31 ta' Marzu 2025 u għaldaqstant qed jiġi maqbul li dan il-kuntratt ma jiġix imġedded.

## 10.4.13 Aħwa Borg u Teatru Grieg De La Cruz

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-ġimgħa l-oħra niżel jara il-kmamar li kienu jużaw l-aħwa Borg biex jarmaw il-presepju tal-Milied.

Ġie innutat li l-aħwa Borg ikkapparaw ukoll żewġt ikmamar min taħt it-taraġ tat-teatru miftuħ.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-aħwa Borg qatt ma ħallsu il-kera dovuta minnhom lill-Kunsill.

Għaldaqstant is-Sindku nforma li ħa il-parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill u diġà ta ordni sabiex jinbidlu il-katnazzi tal-kmamar li ġew ikkaparrati. Il-materjal u it-tiswija tal-post dejjem thallsu mill-Kunsill.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li il-Kunsill jitlob lill-avukat sabiex jibgħat ittra taż-żgumbrament.

**10.4.14 Framework Agreement Public Works**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Public Works approvaw l-ewwel proposta mill-lista li tajnihom dik tat-tiswija tal-passaġġ u ħitan bejn Triq Mdina u Triq Manwel Dimech.

**10.5 Ħwejjeġ Oħra**

**10.5.1 Ħofor – Patching Works**

**Il-viċi Sindku Xandru Mallia** nforma li bħalissa għandna problema bil-patching. Il-Patching li isir mill-ħaddiema tal-Kunsill mhux qed iservi għax mhux qed ikun imballat.

Riċentement il-kuntrattur tal-bankini tqabbad jagħmel patching ta' żewg ħofriet urġenti fi Triq San Bastjan u ħofra oħra fejn Noel Photo Studio viċin il-Kunsill.

Għaldaqstant jekk il-kunsill jaqbel isiru il-ħofor urġenti bil-patching issegat, bil-qatran u imballat.

Il-membri qablu li il-kuntrattur tal-kunsill idur l-aktar ħofor urġenti

**10.5.2 Dar Pinto**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar il-Ħadd 8 ta' Diċembru il-membri se jiltaqgħu sabiex imorru Dar Pinto jiltaqgħu mal-anzjani u joqgħodu jitkellmu ftit magħhom u ser iqassmulhom tokens tal-milied.

**10.5.3 Kuncerti mir-Regjun Nofsinhar**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar il-Ġimgħa 6 u is-Sibt 7 ta' Diċembru ser jitellgħu żewġ kunċerti fiż-żewg knejjes parrokkjali f'Hal Qormi.

Il-membri pubblikament irringrazzjaw lill-President tar-Regjun ta' dawn l-inizjattivi.

**10.5.4 Ħadid madwar l-istatwa ta' San Ġorġ**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ftit tal-ġranet ilhu tkisser il-ħadid madwar l-istatwa ta' San Ġorġ fi Triq San Bastjan. Il-pulizija talbu lill-Kunsill stima tal-ħsarat. Il-Kunsill talab kwotazzjoni, liema kwotazzjoni telgħet għas-somma ta' Euro 3,600 exc VAT għal-ħadid u €1,600 biex jinbidlu il-bollards tal-ġebel.

Il-membri qablu li il-ħadid eżistenti jiġi irrestawrat.

**10.5.5 Triq Mifsud Ellul**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv i**nfurmat li wara li saret applikazzjoni għal-bankina ġdida fi Triq Mifsud Ellul, Transport Malta kitbulna lura u qed jitolbu pjanti ġodda. Transport Malta qed jistaqsu jekk hux ser jithalla xi parkeġġ fit-triq jew ser jitneħħa il-parkeġġ mit-triq kollha u fl-eventwalita li se jitneħħa il-parkeġġ iridu isiru double yellow lines fuq iż-żewg naħat tat-triq.

Il-membri qablu li din id-deċiżjoni tittieħed meta ikun hemm il-kunsilliera kollha preżenti għas-seduta.

**10.5.6 Roundabout ta' Pinto**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona li il-Kunsill jikteb lill Infrastruttura Mata sabiex tinxtegħel ir-roundabout ta' Pinto. Huwa ippropona ukoll sabiex niktbu lill Ambjent Malta ħalli jerġgħu jiktbu Ċitta Pinto bil-hedging.

**10.5.7 Animal Welfare Steward**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li kien hemm ftehim li issir tiswija ta' qtates, iżda bi sfortuna il-kont għat-tiswija ta' 7 qtates qabeż l-ammont ta' 700 euro.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li il-fatturi preżentati fihom spejjeż ta' qtates morda u dan għax ivverifikat il-kontijiet mal-veterinarju li ħareġ tali fatturi. Il-

kontijiet fihom spejjez għal testijiet li waqt tiswija normali dawn ma jsirux. Hija ġibdet l-attenzjoni li l-isteward minflok mar għand vet li jitħallas bil-5 euro għal-qtates irġiel u 10 euro għal-qtates nisa, mar għand xi ħadd li jitħallas 35 euro għal-qtates irġiel u 50 euro għal-qtates nisa.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sinjura Cassar li l-istess fatturi li ntbagħtu il-kunsill Ħal Qormi biex jitħallsu itellgħu fuq Facebook mis-Sur Pace, l-Animal Steward tar-Regjun,  biex jiġbor il-fondi mingħand il-followers tiegħu. Dan ukoll li fl-ebda post ma indika li il-qtates għal-kura nġabru minn Hal Qormi.

Il-membri qablu li jekk ser jippreżenta l-irċevuti fiskali għal-ammont ta' 500 euro, jitilgħu fuq l-iskeda tal-pagamenti u jitħallas fuqhom. Ħaddieħor

**10.5.8 Laqgħa mal-Pulizija**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet meta ser issir il-laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u mal-Ispettur in charge mill-Community Police.

Il-membri qablu li il-laqgħa mas-Supretendent issir fi 18 ta' Diċembru wara nofsinhar.

**10.6 Riżoluzzjoni Nru 05/2024 (IX)**

**MOU mal-Cleansing and Maintenance Division**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ressaq riżoluzzjoni sabiex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jidħol fi ftehim (MOU) mal-Cleansing and Maintenance Division biex id-diviżjoni tieħu ħsieb ix-xogħol ta' tindif f'Hal Qormi.

Id-Diviżjoni qed toffri lill-kunsill Lokali l-ammont ta' 13 il-Kenniesa kuljum, sitt ijiem fil-ġimgħa, fost benefiċċji oħra, inkluż tindif bi sweepers, ġbir ta' skart ieħor mormi etc.

Il-ftehim ser isir għal ħames snin għas-somma ta' Euro 184,000 fis-sena u li jibda mill-1 ta' Frar 2025.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** ipproponiet l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 05/2024 (IX)

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur id-disa (9) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 05/2024 (IX) ġiet approvata.

10.7 **MOZZJONI NRU 08/2024 (IX)**

**Mozzjoni mressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li il-ġnien bil-bandli li jinsab Fuq Tal-Blat 1 jissemma Ġnien is-17 ta' Mejju 1982, id-data meta taret il-kamra tan-nar ta' San Gorg u ħalliet tliet vittmi.

Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis issekondat din il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur il-kunsilliera kollha preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 08/2024 (IX) ġiet approvata.

10.8 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***7 ta' Jannar 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |